**15 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Victoria Zahra Dedomenico

*versus*

Alfred Zahra Dedomenico

## Eċċezzjoni ta' Nuqqas ta' Integrità ta' Ġudizzju

*Ir-ragion d'essere ta' eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju tistrieħ fuq tliet konsiderazzjonijiet prinċipali: l-ewwel waħda hija li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, għandhom jipparteċipaw fih dawk kollha li huma interessanti; it-tieni, sabiex tiġi assikurata*

*kemm jista' jkun l-effikaċità tal-ġudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu pparteċipaw fl-istess ġudizzju; u t-tielet, biex jiġi rispettat il-prinċipju ta' l-ekonomija tal-ġudizzji.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-att ta' *ċitazzjoni ta' l-attriċi, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili* jgħid hekk:

"... Victoria Zahra Dedomenico, wara li ppremettiet illi l-fond 159 Main Street, St. Julians, kien mikri lil John Zahra, missier il-kontendenti, u meta dan miet fl-1965 kienu joqogħdu miegħu martu, kif ukoll l-attriċi u Alfred Zahra Dedomenico, il-konvenut, li huma t-tnejn eredi tiegħu;

Illi l-irċevuta tal-kera għadha sal-lum issir f'isem l-eredi ta' John Zahra;

Illi l-attriċi qatt ma rrinunzjat għal-lokazzjoni ta' l-isemmi fond;

Illi għal ċertu żmien l-attriċi kienet qed taħdem barra minn Malta, u meta rritornat il-konvenut irrifjuta inġustament iħalliha terġa' tibda tgħix fl-imsemmi fond;

Illi l-konvenut ħadilha inġustament iċ-ċavetta li hi kellha ta' l-istess dar;

Illi l-attriċi kellha tgħix sadanittant ġo *furnished flat;*

Talbet lil dik il-Qorti:

(1) tiddikjara illi l-attriċi hija kompartećipi fil-lokazzjoni tal-fond 159 Main Street, St. Julians, li kienet saret oriġinarjament mis-sid tal-fond lil missierha John Zahra...

*Omissis;*

Il-konvenut ta diversi eċċezzjoniiet, fosthom dik preliminari, illi l-ġudizzju mhux integru għaliex billi qed tintalab dikjarazzjoni rigward il-lokazzjoni tal-fond imsemmi, dawk kollha interessati fl-istess għandhom ikunu partijiet fil-ġudizzju;

Fl-20 ta' Jannar 1988 dik il-Qorti ċaħdet dik l-eċċezzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Il-konvenut appella billi tali eċċezzjoni trid tiġi deċiża billi wieħed għandu jħares biss lejn l-att promotorju u d-data tal-preżentata tiegħu indipendentement minn kull kunsiderazzjonijiet oħra, inklużi l-atteġġjament ta' l-istess konvenut; ta' *"jus superveniens"*; u anki xi provi ta' xhieda li ma jkunux issostanzjaw l-eċċezzjoni;

Din il-Qorti trid bilfors tosserva u tinnota l-andament ta' din il-kawża. Biex ġiet deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari għaddew seba' (7) snin u bejn l-inattività tal-konvenut u l-ineffiċjenza ta' impjegat ta' dawn il-qrati li kellu javża l-avukat tal-konvenut bin-nuqqas ta' notifika ta' l-avviż ta' l-appell –

dan l-appell qed jiġi deċiż wara erba' (4) snin oħra;

Il-konvenut jikkontendi illi wara l-mewt ta' missier il-kontendenti, il-persuni li kienu interessati fit-tgawdija tal-lokazzjoni tal-fond 159, Main Street, San Ġiljan, kienu l-kontendenti, ommhom Maria armla Zahra u huhom Bernard Zahra Dedomenico;

Ir-raġion d'essere ta' **eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju tistrieħ fuq tliet kunsiderazzjonijiet prinċipali: – L-ewwel waħda hija li, għall-aħjar ġudizzju tal-qorti, għandhom jipparteċipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tiġi assikurata kemm jista' jkun l-effikaċità tal-ġudizzju,** inkwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppparteċipaw fl-istess ġudizzju; u **t-tielet, biex jiġi rispettat il-prinċipju ta' l-ekonomija tal-ġudizzji, sabiex ma jkunx hemm il-bżonn li l-istess proċedura tiġi ripetuta** kontra l-persuni kollha interessati f'diversi kawżi, billi dawn ma jkunux ħadu parti f'ġudizzju wieħed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jiġu vinkolati, biex ikun jista' jesgwixxi t-titolu tiegħu kontra tagħhom kollha;

Li l-ġudizzju jkun integru għalhekk, jinteressa prinċipalment lill-attur aktar mill-konvenut, inkwantu dan, bl-eċċezzjoni msemmija, għandu biss l-ewwel raġuni li tiġġustifikah, billi d-difiża tiegħu tista' tiġi ppreġidukata minn ċerti veritajiet u ċerti raġunijiet, li jiddependu mill-presenza ta' persuni oħra bħala partijiet fil-kawża;

Dak li hemm fil-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut ma jirrifletti xejn minn dan kollu. Anzi l-konvenut jidher ċar li

jippretendi li din l-eċċezzjoni hija bbażata fuq speċi ta' esiġenza formali, preċiża, imprexindibbli, u li tindika nuqqas, insanabbli. Mentri l-kuntrarju huwa l-korrett;

Hekk f'din il-kawża, m'hemmx dubju li l-eċċezzjoni, meta ngħatat, kienet ġustifikata, għaliex Maria armal Zahra kienet altru milli interessata f'kull kwistjoni li tirrigwarda t-tgawdija tal-lokazzjoni tal-fond fejn kienet tabita ma' żewġha u t-tfal tagħhom; **amenochè l-istess Maria Zahra ma kinitx preventivament informat lill-attriċi li da parti tagħha, hija ma kellha ebda opposizzjoni għall-pretensjonijiet attriċi.** Inkwantu kieku kien hekk, azzjoni kontra tagħha, tkun inutli, jekk mhux addirittura vessatorja. Dan ma kienx il-każ, għaliex anzi Maria Zahra kienet ukoll in opposizzjoni għall-attriċi, u għalhekk l-eċċezzjoni kienet f'postha;

Maria Zahra mietet fil-mori tal-kawża fit-12 ta' Marzu 1984 u wara dik id-data, dik l-eċċezzjoni – la l-kawża kienet għadha miexja – **f'dak il-mument**, spiċċatilha s-sottofond fattwali li jsostniha, u hekk żvwotata, ma baqgħetx valida. Dan għaliex l-eredi tagħha huma ż-żewġ partijiet in kawża, u Bernard Zahra, li però, meta xehed, fil-15 ta' April 1983, wera abbundatament li ma kellu ebda interess fit-tgawdija ta' lokazzjoni tad-dar li kien ħalla fl-1970, meta żżewweġ, u mar jifforma familja band'oħra;

Għalhekk għalkemm il-ġudizzju ma kienx integru meta ġie propost, dak in-nuqqas ġie sanat bil-mewt ta' Maria Zahra fit-12 ta' Marzu 1984 u l-eċċezzjoni tal-konvenut ġiet korrettement respinta mill-qorti ta' l-ewwel grad bis-sentenza appellata li qed tiġi konfermata u l-appell tal-konvenut respint;

Jeħtieġ varjazzjoni ta' l-ispejjeż billi inizjalment l-istess eċċezzjoni kienet ġustifikata u għalhekk, għaż-żewġ istanzi, l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati, kwantu għal erba' kwinti mill-konvenut u kwint (1/5) mill-attriċi;

L-atti huma rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.